**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 11 ta' Jannar 2023**

Rikors Numru: 360/22 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 2156/2019)

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu esponiet:

1. Illi l-partijiet ingħaqdu fiż-żwieġ nhar is-sitta u għoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (26/07/2019) fil-Knisja Kollegata ta' San Pawl, ir-Rabat, Malta, kopja taċ ċertifikat taż-żwieġ qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bhala "Dokument A";

2. Illi minn dan iż-żwieġ, il-partijiet ma kellhomx ulied;

3. Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni datat il-wieħed u għoxrin ta' Ġunju tas-sena elfejn u

wieħed u għoxrin (21/06/2021) fl atti tan-Nutar Dottor Robert Micallef, kopja ta' liema qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala "Dokument B";

4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet, u llum il-ġurnata ż-żewġ partijiet għandhom ħajja totalment separata u indipendenti minn xulxin;

5. Illi ma hemm l-ebda pendenza rigward ħlas ta' manteniment minn xi parti fil-konfront tal-parti l-oħra, u dan anke għaliex il-partijiet irrinunzjaw reciprokament mid-dritt tagħhom illi jitolbu u/jew jirċievu manteniment mingħand xulxin, u dan hekk kif jirriżulta ċar minn klawsola numru erbgħa (4) tal-fuq imsemmi kuntratt tas separazzjoni;

6. Illi dawn il-fatti jinkwadraw ruħhom u jissodisfaw il-kondizzjonijiet u kriterji kontemplati fl-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex il partijiet jiksbu d-divorzju;

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja d-divorzju ossia l-ħall taż-żwieġ bejn ir-rikorrenti u l-intimat C D;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taż-żwieġ tal partijiet, biex isiru d-debita reġistrazzjoni u annotamenti fl-atti ċivili relattivi fir Registru Pubbliku u dan ai termini tal-Artikolu 66A(4) tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha jikkonferma:

1. Illi l-partijiet zzewgu nhar is-26 ta' Lulju tas-sena 2019 gewwa l-Knisja Parrokkjali Kolleggjata Ta' San Pawl ir-Rabat, Malta (kopja tac-Certifikat taz-Zwieg qed jigi anness u mmarkat bhala Dok. A)
2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;
3. Illi l-partijiet ilhom separati de jure sa mill-21 ta' Gunju tas-sena 2021 tramite separazzjoni bonarja permezz ta' kuntratt li jinsab fl-Atti tan-Nutar Robert Micallef (kopja tal-Kuntratt tas-Separazzjoni qed jigi anness u mmarkat bhala "Dok. B";

4. Illi ormai il-partijiet qeghdin jghixu hajja totalment separata minn xulxin u ghaddejin b'hajjiethom, ghaldaqstant m'hemm ebda possibilita` ta' rikonciljazzjoni;
5. Illi l-partijiet irrinunzjaw mid-dritt taghhom mid-dritt taghhom li jitolbu/jircievu manteniment minghand xulxin u dan b'mod definittiv. Ghaldaqstant, l-esponent bil-gurament jikkonferma li m'hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.
6. Illi anness ma' dan ir-rikors, l-esponenti qed jannetti l-affidavit tieghu (anness u mmarkat bhala Dok. C);

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponent mhux qed joggezzjona ghat-talba tar-rikorrenti ghall-ottjeniment ta'divorzju. U dan taht dawk il-provvediment kollha li din l-Qorti jidhrilha li huma xierqa u opportuni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tar-rikorrenti;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-11 t'Awwissu 2022;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprovat illi il-partijiet ilhom legalment separati miLL-21 ta' Gunju 2021;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprovat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.